MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2010

Numru. 1011/2010

Il-Pulizija
(Sp Daniel Zammit u Sp Bernard Spiteri)
vs
Barry John Grant, iben Simon John, imwieled l-Ingilterra ft-23 ta' Marzu, 1983, Karta ta' l-Identita numru 149703L

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat:
1. talli fil-lejl bejn id-29 ta' Settembru, 2010 u it-30 ta' Settembru, 2010, ikkometta serq minn ġewwa VC Petrol Station, li tinsab fi Triq in-Naxxar, Għargħur, għad-dannu tas-sidien u diretturi ta' l-istess petrol station, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur li jaqbeż €232.94 iżda mhux €2,329.37 u bil-ħin;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara taqbeż

€116.47 iżda mhux €1,164.69 u li saret għad-dannu tas-sidien u diretturi ta' VC Petrol Station;

3. talli fil-lejl bejn id-29 ta' Settembru, 2010 u it-30 ta' Settembru, 2010, ikkometta serq minn ġewwa Santa Marija Petrol Station, li tinsab fi Triq il-Kbira, Mellieħa, għad-dannu tas-sidien u diretturi ta' l-istess petrol station, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur li jaqbeż €232.94 iżda mhux €2,329.37 u bil-ħin;

4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara taqbeż €116.47 iżda mhux €1,164.69 u li saret għad-dannu tas-sidien u diretturi ta' Santa Marija Petrol Station;

5. talli fil-lejl bejn id-29 ta' Settembru, 2010 u it-30 ta' Settembru, 2010, ikkometta serq minn ġewwa Dad's Petrol Station, li tinsab fi Triq il-Mosta, San Pawl, għad-dannu tas-sidien u diretturi ta' l-istess petrol station, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur li jaqbeż €232.94 iżda mhux €2,329.37 u bil-ħin;

6. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara taqbeż €116.47 iżda mhux €1,164.69 u li saret għad-dannu tas-sidien u diretturi ta' Dad's Petrol Station;

7. talli fil-lejl bejn is-27 ta' Settembru, 2010 u it-28 ta' Settembru, 2010, ikkometta serq minn ġewwa Pitstop Petrol Station, li tinsab fi Triq l-Mdina, Attard, għad-dannu tas-sidien u diretturi ta' l-istess petrol station, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur li jaqbeż €232.94 iżda mhux €2,329.37 u bil-ħin;

8. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara taqbeż €116.47 iżda mhux €1,164.69 u li saret għad-dannu tas-sidien u diretturi ta' Pitstop Petrol Station;

9. talli fil-lejl bejn is-27 ta' Settembru, 2010 u it-28 ta' Settembru, 2010, ikkometta serq minn ġewwa J. Micallef Service Station, li tinsab fi Triq il-Buqana, Rabat, għad-dannu tas-sidien u diretturi ta' l-istess petrol station, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur li jaqbeż €232.94 iżda mhux €2,329.37 u bil-ħin;

10. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara taqbeż €116.47 iżda mhux €1,164.69 u li saret għad-dannu tas-sidien u diretturi ta' J. Micallef Service Station;
11. talli fil-lejl bejn is-27 ta' Settembru, 2010 u it-28 ta' Settembru, 2010, ikkometta serq minn ġewwa Falzon Petrol Station, li tinsab fi Triq l-Mdina, Żebbuġ, għad-dannu tas-sidien u diretturi ta' l-istess petrol station, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur li jaqbeż €232.94 iżda mhux €2,329.37 u bil-ħin;
12. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara taqbeż €116.47 iżda mhux €1,164.69 u li saret għad-dannu tas-sidien u diretturi ta' Falzon Petrol Station;
13. talli fil-lejl bejn it-22 ta' Settembru, 2010 u it-23 ta' Settembru, 2010, ikkometta serq minn ġewwa Pitstop Petrol Station, li tinsab fi Triq l-Mdina, Attard, għad-dannu tas-sidien u diretturi ta' l-istess petrol station, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur li jaqbeż €232.94 iżda mhux €2,329.37 u bil-ħin;
14. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara taqbeż €116.47 iżda mhux €1,164.69 u li saret għad-dannu tas-sidien u diretturi ta' Pitstop Petrol Station;
15. talli fil-lejl bejn l-14 ta' Settembru, 2010 u il-15 ta' Settembru, 2010, ikkometta serq minn ġewwa IML Petrol Station, li tinsab fi Triq Nazzjonali, Ħamrun, għad-dannu tas-sidien u diretturi ta' l-istess petrol station, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur li jaqbeż €232.94 iżda mhux €2,329.37 u bil-ħin;
16. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara taqbeż €116.47 iżda mhux €1,164.69 u li saret għad-dannu tas-sidien u diretturi ta' IML Petrol Station;
17. talli fil-lejl bejn it-12 ta' Settembru, 2010 u it-13 ta' Settembru, 2010, ikkometta serq minn ġewwa Cini Petrol Station, li tinsab fi Triq Aldo Moro, Marsa, għad-dannu tas-sidien u diretturi ta' l-istess petrol station, liema serq

hu aggravat bil-mezz, bil-valur li jaqbeż €232.94 iżda mhux €2,329.37 u bil-ħin;

18. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara taqbeż €116.47 iżda mhux €1,164.69 u li saret għad-dannu tas-sidien u diretturi ta' Cini Petrol Station.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-4 ta' Novembru, 2010 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijjiet taħt dak li hemm maħsub:

a. fl-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278(2)(3), 279(b), 280(2) u 281(a) tal-Kodiċi Kriminali;

b. fl-artikoli 325(1)(a) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali;

c. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Novembru, 2010 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Novembru, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278(1)(2)(3) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Probation għal żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------